**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 390/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gordon Borda**

Illum, 31 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Gordon Borda detentur tal-karta ta' l-identita' numru 150475M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-6 ta' April, 2016 għall-ħabta ta' 4:00pm u l-4:00pm ġewwa iż-Żurrieq, bil-vettura tat-tip King Long targata BUS175:

1. Soqt vettura bil-mutur fit-triq waqt li zammejt jew uzajt b'idejk telefon cellulari jew xi apparat simili iehor li jinzamm fl-idejn waqt li l-vettura kienet miexja (L.S. 65.11 Artiklu 115 (2));

2. Waqt li kont qed issuq, inqast li jkollok kontroll shih tal-vettura, u/jew hallejt il-vettura wehidha bla ma hadt prekawzjoni xierqa biex ma tigix imcaqalqa sakemm iddum nieqes jew hallejt il-vettura wieqfa fi triq jew li kienet immaniggata b'mod li tkun ta' xkiel bla bzonn jew ta' xi inkonvenjent ghall-

pubbliku (L.S. 65.11 Artiklu 68) ;

3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni;

4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bla kont;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata mill- liċenzji kollha tas-sewqan għal-perjodu ta' żmien li Qorti jidrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti fuq nuqqas ta' provi prodotti, lliberat lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu pprezentat fit-13 ta' Ottubru, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tħassar s-sentenza appellata u minflok, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet suesposti, tipproċedi u tiddisponi minn dan il-każ skond il-Liġi u fl-aħjar interess tal-Ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali u cioe':-

Illi fid-9 ta' Ottubru 2017 l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u riżultat ta' dan ma setgħatx raġjonevolment u legalment tasal għall konkluzjoni li waslet għaliha, għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell skont kif provdut fl-artikolu 63 f'Kap 65 u l-artikolu 413 (1)(b)(vi) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Illi kif ġie indikat aktar il-fuq dan l-appell jirrigwarda xhud indispensabli tal-prosekuzzjoni li minħabba ir-raġunijiet li ser jiġu elenkati aktar il-quddiem sfortunatament ma kelliex l-opportunita' li tixhed, u kwindi minħabba f'hekk il-prosekuzzjoni ġiet imċaħda milli tipprova il-każ tagħha sal-livell rikjest mil-liġi penali;

Illi kif ġie aċċennat qabel l-imputat ma deherx għall-ewwel żewġt seduti tant li kellu jinħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu, u dan filwaqt li x-xhud Kelly Marie

Goodenough kienet preżenti. Kien minħabba nuqqas ta' ftehim bejn ix-xhud l-iehor cioe' Clifton Goodenough u l-Pulizija li fit-tielet seduta x-xhud Marie Kelly Goodenough ma kienitx preżenti, hekk kif jidher mid-depożizzjoni tiegħu a fol 15 et seq. tal-proċess.

Illi rigward ir-raba' u l-aħħar seduta ix-xhud in kwistjoni filfatt kienet, kif ġie verbalizzat fil-verbal a fol 25, fil-kju sabiex titħol fil-bini tal-Qorti, li dak inhar tat-3 ta' Ottubru kien kemxejn twil aktar mis-soltu, u kien dan li kkontribwixxa sabiex ix-xhud ma tasalx fil-ħin.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti, di fatti l-Qorti tal-Appell Kriminali iddikjarat li:

"F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti."

Illi l-esponent jifhem li każ in diżamina kien jaqa taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u għaldaqstant kellu jinstema b'mod sommarju u kellu jiġi konkluz mil-aktar fis, anke tenut kont li din kienet ir-raba' seduta, nonostante cio l-esponent jemmen li kull każ għandu jiġi trattat skont iċ-ċirkostanzi partikulari tiegħu, u fil-każ in diżamina l-esponent umilment jissottometti li, allaċċat mal-fatt li x-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni fil-maġġoranza assoluta dejjem kienet preżenti, u tenut kont li dak inhar tas-seduta kien hemm kju aktar min-normal, fl-aħjar interess tal-ġustizzja s-sommarjeta tal-każ ma kelliex tipprevali fuq id-drittijiet tal-prosekuzzjoni. Dan qiegħed jingħad bl-akbar rispett lejn l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati li l-esponent huwa ferm konxju tal-

volum kbir ta' xogħol li hija mogħbija bih, ciononostante l-esponent f'dan il-każ umilment jemmen li kien jkun opportun li l-każ jiġi sospiż għal-ftit minuti.

Illi min dak suindikat kien jidher car li l-Prosekuzzjoni qieset lil Kelly Marie Goodenough bħala xhud indispensabli sabiex tiprova il-kas tagħha, u n sosten ta' dan il-Qorti tal-Appell Kriminal tenniet li:

"L-Avukat Ġenerali qed jinvoka insostenn tad-dritt tiegħu ta' appell, l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9 u cjoe' qed jilmenta mill-fatt li skond hu l-pulizija ġew impeduti fil-kawża quddiem il-Qorti Inferjuri milli jġibu xi prova indispensabli biex issaħħaħ l-akkuża u li skond il-liġi setgħet tinġieb. Kif din il-Qorti rriteniet f'diversi sentenzi, biex l-Avukat Ġenerali (jew, skond il-każ, il-kwerelant) ikun jista' jinvoka dana l-aggravju f'każijiet fejn ix-xhud li tkun trid il-prosekuzzjoni ma jidhirx, irid jirriżulta mill-atti u bħala minimu li dak ix-xhud kien ġie debitament innotifikat (ara inter alia **<u>P. Vs Joseph Sharfid</u>**, 12/4/96; **<u>P. Vs Monica Schranz</u>**, 21/2/97, it-tnejn appelli kriminali) jew li l-prosekuzzjoni għamlet dak kollu minnha misteni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud ġie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika għandha ssir bħala regola, permezz tar-riferta"

Illi l-espoent jerġa jtenni li huwa ben konsapevoli tad-diffikultajiet riskontrati mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati fejn si tratta nuqqas ta' dehra tax-xhieda, pero' detto questo l-Ġustizzja għandha dejjem tipprevali, infatti l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tenniet fl-ismijiet "**<u>Il-Pulizija vs James Galea</u>**" l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

"Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li sar kien jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 u li jinkwadra pjenament taht l-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kap. 9, li proprju jaghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali f'kazijiet analogi. Bhalma ntqal diversi drabi minn din il-Qorti, kif presjeduta u anke diversament presjeduta, hija tifhem u tapprezza ssens ta' frustrazzjoni li jista' jkollha l-ewwel Qorti meta tara li minhabba l-assenza ta' xi partijiet, xhieda, avukati jew

prosekuturi, ma tkunx tista' twettaq il-programm ta' xoghol li jkollha ffissat fis-seduta li tkun qed tippresjedi. Izda, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ma tistax hlief tannulla s-sentenza appellata"

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell li jirrigwarda in-nullita' tal-procediment quddiem l-Ewwel Qorti u ergo' tas-sentenza appellata li segwiet tali procediment.

Illi f'din il-kawza, l-appellant kien tessaq il-Qorti u gie akkuzat bi ksur ta'diversi reati li johorgu mill-Ordinanza tat-traffiku kif indikati aktar l'fuq u dan fit-22 ta' Novembru 2016. Illi fis-seduta tat-13 ta Gunju 2017 kien deher l-appellant u xehed ix-xhud Clifton Goodenough pero' l-prosekuzzjoni kienet talbet differiment sabiex tkun tista' tixhed ix-xhud Kelly Marie Goodenough.

Ili nhar it-3 ta' Ottubru 2017 deher l-appellat quddiem l-ewwel Qorti debitament assistit u l-Qorti di *marte propria* ddikjarat li:-

*"l-provi tal prosekuzzjoni kollha mghluqa peress li jirrizulta li x-xhud Kelly Marie Goodenough ma dehritx ghalkemm kien hemm zewg seduti ghall-provi proskeuzzjoni."*

Pero' fl-istess verbal esebit fl-atti a fol. 25 jirrizulta li dakinhar l-istess xhud Kelly Marie Goodenough dehret il-Qorti u gharrfet lil Qorti li hija kienet fil-kju tistenna biex tidhol l-Qorti u ghalhekk meta ghajtulha ma setghetx tidhol. Cio nonnotatne pero' l-Qorti dehrilha li kellha tinjora dak li gie verbalizzat u ghaddiet biex taghti sentenza u lliberat lill-appellant fuq nuqqas ta' provi.

Illi l-Avukat Genreali hass ruhu agaravat minn din is-sentenza u ghalhekk interpona umli appell ai termi tal-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

L-artikolu 413(1)(b)(vi) jipprovdi is-segwenti:-

*413.(1) Jistgħu jappellaw mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati:-*

*(a) Ommissis*

*(b) f'każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal- Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), l-Avukat Ġenerali, u, fil-każijiet imsemmija fl-artikolu 373, il-kwerelant meta:*

*Ommissis*

*(vi) il-Pulizija, jew, skont il-każ, il-kwerelant majkunx ġie permess waqt il-kawża li jipproduċi,b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabblili kienet ammissibbli skont il-liġi*

Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenza taghha fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Anne Montfort**"[1] kellha okkazzjoni li tghaddi in rassenja l-gurisprudenza rilevanti ghall-dan it-tip t'incident u ccitat b' approvazzjoni s-sentenza taghha "**Il-Pulizija vs. Clive Debono**"[2], fejn saret ukoll referenza ghas-sentenzi ta' din il-Qorti diversament preseduta: "**Il-Pulizija vs. Mario Saliba**[3] "**Il-Pulizija vs. Mario Magri**"[4] "**Il-Pulizija vs. Francis Callus**"[5] "**Il-Pulizija vs. Anthony Zarb**" [6] "**Il-Pulizija vs. Joseph Abdilla et.**"[7]u

[1] Dec. [30.9.2004]

[2] Dec. [14.9.2004],

[3] Dec. [15.10.1982];;

[4] Dec. [28.5.1993];

[5] Dec. [30.9.1993

[6] Dec. [22.10.1993];

[7] Dec. [3.12.1993]

"**l-Pulizija vs. Francis Borg**."[8]

"Illi gie ritenut fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri**" [9], li, la darba x-xhud ikun debitament notifikat u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, (emfasi ta' din il-Qorti) il-Qorti ma ghandhiex tghaddi ghas-sentenza bla ma tisimghu, imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz, il-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhieda skond l-artikolu 441(4), rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525(1)(a) tal-Kap.9, . (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**"[10] u ohrajn).

F'kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija kontra Louis Farrugia**[11], il-Qorti ziedet tghid li , "*Filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti inferjuri tista' xi minn daqqiet tinsab fiha, cioé li ma tkunx tista' tipprocedi biex tisma' kawza ghax xhud jew xhieda ma jidhirx jew ma jidhrux, dan ma jiggustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-Prosekuzzjoni minn prova indispensabbli u taqbad u tghaddi ghas-sentenza ... Dan naturalment jghodd ukoll ghal meta jkun hemm oppozizzjoni da parti tad-Difiza ghal tali differiment jew, altrimenti, meta d-Difiza tinsisti li s-sentenza tinghata f'dik is-seduta u salv dejjem li x-xhud inkwistjoni jkun wiehed indispensabbli ghall-kaz tal-Prosekuzzjoni jew tal-kwerelant.*"

Illi l-Avukat Generali fir-rikros tal-appell teighu jghid li x-xhud tal-prosekuzzjoi Kelly Marie Goodenough kienet xhud indispensabbli u l-prosekuzzjoni kienet propju talbet differiment fis-seduta precedenti u dan ghas-smeigh tax-xheida taghha tant kienet indispensabbli ghaliha. Tant li fil-jum tal-udjenza l-prosekuzzjoni harrkitha u din giet notifikat u dehret il-Qorti kif jidher mill-verbal tal-Qorti. Illi ghalhekk l-Avukat

---

8 Dec. [10.12.1993]

9 Dec. 5.01.1996

10 Dec. 5.01.1996

11 Dec. 19.05.1995

Generali jargumenta li l-ewwel Qorti ghalhekk ma missiex baqghet ghaddejja biex tiddecidi l-kaz minghaje is-smiegh taghha meta kienet konxja bil-presenza taghha tant li innotat il presenza taghha fl-awla kif vverbalizzat minnha.

Il-Qorti zzid u tghid li anke meta xhud, debitament notifikat biex jidher quddiem il-Qorti, jonqos li jaghmel hekk, sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghalih, il-Qorti ma tistax tghaddi ghas-sentenza imma ghandha rimedji ohra. Altrimenti l-kawzi w l-ezitu taghhom jigi jiddependi fuq jekk xhud ifettillux jobdi t-tahrika jew le (ara "Il-Pulizija vs. **Domenico Savio Spiteri**"[12]). Mhux biss, izda talli meta jirrizulta li dak ix-xhud ikun indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni (kif kien fil-kaz odjern), il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra w tipprocedi kontra x-xhud kif pprovvdut fl-artikolu 441(4) tal-Kodici Kriminali.

Jekk dan ma jsirx, l-Avukat Generali ikollu d-dritt ta' appell skond l-artikolu 413(1)(b)(vi). (ara "**Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia**"[13]) kif del resto gara f'dan il-kaz . F'sitwazzjoni simili, l-Qorti ma tistax tibqa' ghaddejja qisu ma gara xejn. Bhala minimu dik il-Qorti ghandha tikkundanna lix-xhud ghall-ammenda w, kemm il-darba il-Qorti ma tkunx tal-fehma (li ma kienetx fil-kaz odjern) li xhud mhux indispensabbli biex isahhah l-akkuza, l-Qorti ghandha ukoll tordna li dak ix-xhud jingieb b'mandat t' akkumpanjament jew b' mandat t' arrest (art. 441 (4) u 525 (1) (a) tal-Kodici Kriminali). Anqas ma huwa argument validu dak li jigi ta' spiss ventilat quddiem il-Qrati Inferjuri w cioe' li x-xhud kellu interess li jidher u li allura, la ma deherx, il-Qorti ghandha tibqa' ghaddejja u kif jigri ta' spiss, tillibera. L-interess principali fil-proceduri penali hu tal-partijiet : il-prosekuzzjoni (Pulizija Ezekuttiva) jew, fil-kazijiet kontemplati fl-artikolu 373, l-offiz/ kwerelant) u l-imputat. Ghandu kemm ghandu interess xhud fl-ezitu tal-kawza, ma jistax impunement, u hlief fil-kazijiet kontemplati mill-ligi, jippriva lill-parti

---

[12] App. Krim. [05.01.1996]

[13] App. Krim. [25.07.1994]

li tkun harrkitu mid-depozizzjoni tieghu. (ara “**Il-Pulizija vs. Pierre Schembri**” [14]).

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu u l-appell jisthoqq li jkun milhuq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti tat-tlieta (3) ta’ Settembru tal-elfejn u sbatax (2017) u sabiex ma jigix ippregudikat id-dritt tal-appellant ghal doppju ezami tordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tibghat l-atti lura lil dik l-istess Qorti sabiex tkompli tisma’ l-provi tal-Prosekuzzjoni, inkluz ix-xhud Kelly Marie Goodenough.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[14] App. Krim. [08.01.1996]